

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [In-NĠE Fil-kwistjonijiet Ċivili U Kummerċjali](#) [Dwar In-Networks](#) > [Lithuania](#)

Dwar in-Networks

 Litwanja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

Il-persuna ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali huwa l-avukat fil-Grupp tad-Dritt Internazzjonali tal-Ministeru tal-Ġustizzja, li jwettaq ukoll il-funzjonijiet tal-awtorità ċentrali jew kompetenti prevista fl-istrumenti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili. Minbarra dawn il-funzjonijiet, il-persuna ta' kuntatt twettaq ukoll funzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, kif stabbilit kemm fl-istrumenti tal-UE kif ukoll fit-trattati multilaterali u bilaterali, u tiegħu sehem ukoll fl-attivitajiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li jitrattaw kwistjonijiet ċivili.

L-ebda struttura ġudizzjarja nazzjonali formali li tgħaqqad flimkien il-membri tan-Network Nazzjonali ma għet stabbilita fil-Litwanja. Il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta man-Network normalment isiru fuq bażi *ad hoc* permezz tal-posta elettronika.

L-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-laqqgħat tan-Network u kwistjonijiet oħra relatati mal-attivitajiet tan-Network tiġi rċevuta mill-persuna ta' kuntatt tan-Network maħtura fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, li mbagħad jgħaddi din l-informazzjoni lill-awtoritajiet jew lill-qrati nazzjonali kompetenti (permezz tal-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali) skont il-kwistjoni jew is-suġġett tal-laqqgħa. Dan jiżgura li l-informazzjoni u l-mistoqsijiet dwar in-Network jaslu għand il-korp xieraq.

Meta meħtieġ, il-persuna ta' kuntatt u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet u l-qrati kompetenti nazzjonali jibqgħu f'kuntatt ma' xulxin u jitrattaw il-problemi mhux biss bil-posta elettronika iżda wkoll bit-telefon. Il-persuna ta' kuntatt għandha twieġeb personalment għall-mistoqsijiet ippreżentati minn persuni ta' kuntatt f'pajjiżi oħra jew minnufih tibgħathom lill-awtorità kompetenti sabiex tkun tista' tibgħat twegħiba; il-persuna ta' kuntatt tikkoordina wkoll it-trażmissjoni ta' twegħiba lill-kollega li tkun għamlet il-mistoqsija. Il-persuna ta' kuntatt tgħin ukoll lill-qrati biex iwieġbu għal mistoqsijiet prattiċi dwar il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra li jirriżultaw fil-kors tal-attivitajiet tagħhom u tidderieġi r-rappreżentanti tal-qorti jew ir-rikorrenti lejn it-taqsimi rilevanti tal-Portal tal-e-Ġustizzja biex ifittxu informazzjoni rilevanti.

Fil-Litwanja, il-membri tan-Network u/jew l-awtoritajiet ċentrali responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet stabbiliti fir-Regolament huma l-Ministeru tal-Ġustizzja (u d-dipartimenti interni rispettivi tiegħu), il-maġistrati ta' kollegament, l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati, is-Servizz tal-Għajnuna Legali garantit mill-Istat, is-Servizz Statali għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Minuri u għall-Adozzjoni, il-Kamra tal-Marixxalli Litwana, il-Kamra tan-Nutara Litwana, u l-fergħa Mažeikiai tal-Bord Statali tal-Fond tal-Assigurazzjoni Soċjali.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.